# Issaporti bil-Ferħ!

**Istruzzjonijiet:** Agħmel din l-attività f'post kwiet. Hekk kif taqra l-iskritturi, immaġina li int qiegħed f'nofs dik il-ġrajja. Ġib ix-xena quddiem għajnejk. Isma' n-nies jitkellmu. Ħoss l-emozzjonijiet tal-karattri. Aħseb dwar ir-rakkont bħallikieku huwa reali.
**Karattri prinċipali:** L-appostlu Pawlu, Sila, qaddejja, is-sidien tagħha, u kalzrier
**Sommarju:** Pawlu u Sila mitfugħin il-ħabs għax ippritkaw; imbagħad terremot jeħlishom.

## 1 AĦSEB DWAR IX-XENA.—AQRA ATTI 16:16-40.

Liema espressjonijiet tal-wiċċ tista' timmaġina
fuq wiċċ is-sidien tal-qaddejja? (*Erġa' aqra versi 19-22.*)

fuq wiċċ Pawlu u Sila waqt li kienu l-ħabs? (*Erġa' aqra vers 25.*)

Iddeskrivi l-effett u l-ħoss tat-"terremot qawwi," skont kif timmaġinah int. (*Erġa' aqra versi 26, 27.*)

Liema ton tal-leħen timmaġina li uża l-appostlu Pawlu hekk kif kellem lill-kalzrier f'versi 28-31?

## 2 ĦAFFER IKTAR FIL-FOND.

Kien it-terremot sempliċement ġrajja naturali? Għala twieġeb hekk?
(Ħjiel: Aqra Atti 4:31; 5:19; 12:7.)

Il-kalzrier għala seta' baqa' skantat li Pawlu u Sila ttrattawh b'qalb tajba? (*Erġa' aqra Atti 16:23, 24*.)

Il-persekuzzjoni ta' Pawlu u Sila kif għenithom jippritkaw lil iktar nies? (Ħjiel: *Erġa' aqra versi 25 u 33.*)


www.jw.org © 2013 Watch Tower Bible and Tract Society of Pennsylvania

## 3 APPLIKA DAK LI TGĦALLIMT.

Ikteb dak li tgħallimt dwar . . .

Kif tissaporti t-tbatija.

______________________________________________

______________________________________________

Il-benefiċċji li tikseb meta tissaporti. (Aqra Ġakbu 1:2-4.)

______________________________________________

______________________________________________

## 4 STAQSI LILEK INNIFSEK.

Meta b'mod speċjali jkolli bżonn nissaporti?

______________________________________________

______________________________________________

Waqt li nkun qed nissaporti t-tbatija, kif nista' nimita lil Pawlu bil-mod kif nittratta lil ħaddieħor?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

Liema lezzjoni minn dan ir-rakkont hi l-iktar importanti għalija, u għala?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**Suġġeriment:** Immaġina li int il-kalzrier. Ikteb deskrizzjoni ta' dak li ġara f'dan ir-rakkont mill-ħarsa tiegħu. Inkludi s-sentimenti tal-kalzrier hekk kif jitfa' lil Pawlu u lil Sila l-ħabs, jara t-terremot, u fl-aħħar jitgħammed flimkien mal-familja tiegħu.



Iddawnlowdja dan il-PDF minn www.jw.org/mt



www.jw.org © 2013 Watch Tower Bible and Tract Society of Pennsylvania